IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa
## tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 68

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **l-Erbgħa 7 ta' Frar 2024**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**68.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

68.1.1 Ebda ittri ta' apoloġija.

**68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru.67**

68.2.1 B'Referenza għall-Minuti tal-Laqgħa 67, punt 67.2.3, is-Sindku staqsa jekk waslitx xi korrispondenza għall-ammont mitlub sabiex isir il-filmat fuq il-lokalità tal-Birgu kif propost mis-Sinjura Jais Zammit. Ebda korrispondenza ma kienet għadha waslet.

68.2.2 Ebda punti ma tqajmu aktar mill-Minuti u għaldaqstant is-Sindku flimkien mal-kunsilliera approvawhom unanimament.

**68.3 Korrispondenza**

68.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-lift fil-Berġa ta' Franza. Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ngħata biss ftit inqas minn erbgħin elf Ewro u għaldaqstant proġett bħal dan li jirrikjedi ħafna aktar fondi, ma jistax ikun ta' piż fuq il-kunsill iżda huwa proġett meħtieġ għal din il-binja.

68.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Stefan Azzopardi, Surmast tal-Iskola Primarja tal-Birgu bi kwotazzjoni għall-installazzjoni ta' *turf* ġdid fil-grawnd tal-istess skola. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li għalissa dan il-proġett ma jistax jitħallas mill-fondi tal-kunsill.

68.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Onor. Ministru Chris Bonett dwar iż-żjara li saret fuq ix-xogħol tal-pont li jagħti għall-Forti Sant Anġlu fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu ma kienx infurmat u lanqas mistieden biex jattendi. Is-Sindku qal li waslet korrispondenza lura mill-Ministru stess fejn talab skuża għal dan in-nuqqas u jidher li kien hemm xi nuqqas ta' komunikazzjoni.

68.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar lil BOA Restaurant fi Triq l-Assedju l-Kbir 1565 minħabba żvilupp mingħajr permessi meħtieġa.

68.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sinjura Doreen Borg Zammit rigward il-Librerija Reġjonali tal-Birgu dwar il-persuna li kellha tissostitwixxi lil-librara fin-nuqqas tagħha u li din il-persuna qatt ma waslet bil-konsegwenza li l-librerija qed tagħmel ġranet magħluqa.

68.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Vassallo mill-Grand Harbour Marina dwar il-possibilità li l-iskips tal-marina jitpoġġew wara ċint mibni apposta viċin il-latrina pubblika. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, ma sabu ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

68.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Onor. Ministru Owen Bonnici dwar l-applikazzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 minħabba s-sitwazzjoni li qamet fit-twaqqif tal-fondazzjoni. Is-Sindku spjega kif qed niġu affaċjati b'ħafna intoppi speċjalment mal-President tar-Reġjun Port is-Sur Pawlu Farrugia. Preżentata wkoll korrispondenza mibgħuta lis-Sinjura Catherine Tabone mill-Valletta Cultural Agency sabiex tkun infurmata bis-sitwazzjoni preżenti.

68.3.8 Preżentata kwotazzjoni għal bieb tal-injam ġdid fil-Berġa tal-Ingilterra peress li dak preżenti jinsab imkisser kawża ta' vendikazzjoni. Din il-kwotazzjoni ġiet approvata mis-Sindku u l-Kunsilliera kollha preżenti.

**68.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

68.4.1 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li kellu mal-Vittoriosa Historical and Cultural Society dwar il-bini tat-Torri tal-Arloġġ fil-Pjazza tal-Birgu. Is-Sindku qal li l-argument kollu huwa li l-ispazju tat-torri se jittieħed biex ikun espost il-pediment tiegħu u għaldaqstant, fl-istess spazju, flok jibqa' biss il-pediment, jitla' t-torri. Spejga kif is-Sur Joe Mizzi, Chairman tal-Fondazzjoni Kottonera wera interess li dan jinbena wkoll. Għaldaqstant is-Sindku talab l-oppinjoni u s-suġġerimenti tal-kunsilliera. Il-kunsilliera kollha qablu ma' din il-proposta u għaldaqstant ilkoll jaqblu li t-Torri tal-Arloġġ jinbena mill-ġdid fil-Pjazza tal-Birgu fejn kien oriġinarjament. Il-kunsillier is-Sur Jason Portelli qal li aktar 'il quddiem, għandha ssir ukoll konsultazzjoni mal-pubbliku dwar dan il-proġett jekk kemm-il darba jkun hemm konferma li jinbena.

68.4.2 Is-Sindku informa lill-kunsilliera dwar il-laqgħa li kellu mas-Sur Gino Cauchi mill-GHRC dwar l-iżvilupp mistenni fiż-żona tal-ex-oil tanking depot fi Triq il-Piccolo Soccorso (it-toqba) u semma l-ideat ta' open theatre fost oħrajn. Is-Sindku qal li aktar 'il quddiem se nirċievu l-pjanti tal-proposti tal-GHRC.

68.4.3 Is-Sindku qajjem il-punt kif l-iskola Primarja tal-Birgu jew tal-Isla se jaslu biex jagħlqu l-bibien tagħhom minħabba nuqqas ta' tfal fil-lokalitajiet. Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar qal li jekk jiġri hekk, jipproponi li l-iskola Lorenzo Gafà ssir dar tal-anzjani għan-nies tal-Birgu filwaqt li l-iskola Primarja tal-Birgu, jimxu fiha l-uffiċini tal-kulleġġ Santa Margerita li bħalissa jinsabu fl-iskola Lorenzo Gafà biex din tingħata lura lin-nies tal-Birgu.

68.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel fakkar lil kulħadd li Mons. Arċisqof se jqaddes mill-Parroċċa nhar il-25 ta' Frar 2024 u din il-quddiesa se tixxandar fuq TVM. Il-kunsilliera kollha kienu mistiedna jattendu.

68.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel għal darb oħra staqsa lis-Sindku meta se jitranġa d-dawl tal-faċċata tal-Knisja ta' San Lawrenz peress li dan qatt ma ssewwa wara l-ħsara li kien hemm u l-faċċata tinsab fi dlam ċappa. Is-Sur Gellel qal li għandhom jintalbu lura d-dwal li qabel kien hemm fi Triq il-Piccolo Soccorso peress li dawn ma reġgħux twaħħlu u flokhom saru oħrajn ġodda u għaldaqstant jistgħu jiġu mqabbda mal-faċċata tal-knisja sabiex din terġa' tinxtegħel. Is-Sindku qal li se jkun qed jikkomunika mas-Sur Gino Cauchi mill-GHRC dwar dawn id-dwal.

68.4.6 Is-Sindku ippropona biex issir bibita lill-isponsors kollha li matul iż-żmien għenu lill-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta u għaldaqstant ġie deċiż li din issir nhar il-Ġimgħa 15 ta' Marzu 2024.

68.4.7 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li ltaqa' mal-Perit tal-Kunsill dwar iż-żona ta' bejn Triq San Lawrenz u Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa sabiex permezz tal-iskema tal-LESA, din iż-żona tkun riġenerata u tingħata dehra isbaħ. Il-kunsilliera preżenti qablu mal-applikazzjoni mressqa lilhom dwar dan il-proġett.

**68.5 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

68.5.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-approvazzjoni **l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 62** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru, **BOV 6466 sa BOV6467 u HSBC 9844** flimkien ma' ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskedi preżentati.

**68.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

68.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8:00pm). Id-data għal-laqgħa li jmiss ser tkun komunikata aktar 'il quddiem iżda se ssir fit-tieni ġimgħa ta' Marzu 2024.

Konfermati llum: **18 ta' Marzu 2024**

| | |
|---|---|
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |